Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 10 t'April 2025**

**Kump. Nru. 896/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Versus**

**Steve Frendo**
**(0179388M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Steve Frendo** ta' nazzjonalita' Maltija, u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin- numru 0179388M.

F'isem ir-Repubblika ta' Malta akkuzat talli nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn erbgha w ghoxrin (2024) ghall-habta ta' bejn is-siegha (13:00pm) u s-sebgha (19:00pm) ta' filghaxija, gewwa 64, Berlin, Triq il-Kurunell Lorenzo Manche, Pembroke, Malta u /jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin :

1. Ikkommetta serq ta' flus u/jew diversi oggetti ohra, u liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok, bil-persuna u bil-valur u liema valur jeccedi izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-detriment ta' Sabrina Grech u/jew persuni ohra; *Artikolu 261(b)(c)(d)(e), 263(a), 264(b), 267, 268(b), 269(g), 278(3), 279(b), 280(2) u 281(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt ewro (€2,500) izda hija aktar minn mitejn u hamsin ewro (€250) ghad-danni ta' Bernard Frendo u Natalina Frendo u/jew persuni ohra. *Artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Din l-Onorabbli Qorti hija gentilment mitluba sabiex kemm -il darba ssib htija fl-imputat ghar-reati relattivi, thaddem id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll thaddem id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu iehor tal-ligi li jizgura kumpens u/jew restrizzjoni lill-vittmi.

Din l-Onorabbli Qorti hija gentilment mitluba sabiex flimkien ma' ordni ta' protezzjoni, jew separatament minnha, taht l -artikolu 412C u sakemm il-Qorti tkun sodisfatta li jkunu saru jew li jistghu isiru arrangamenti adatti ghal trattament, sabiex tohrog ordni ta' trattament fir-rigward ta' Steve Frendo ai termini ta' Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din l-Onorabbli Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Bernard Frendo u Natalina Frendo u kif ukoll Sabrina Grech u/jew persuni ohra billi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u f'kaz ta' htija, hija mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2025, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u

nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 31, 261(b)(c)(d)(e), 263(a), 264, 267, 268(b), 269(g), 278(3), 279(b), 280(2), 281(b) u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta **qed issib lil imputat Steve Frendo hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu**, u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum**, b'dan illi qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lill-hati **Steve Frendo** bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

In oltre l-Qorti qeghda tqieghed lill-hati **Steve Frendo** taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jinghata l-ghajnuna psikjattrika u psikologika necessarja kif ukoll kull ghajnuna ohra li jista' jkollu bzonn l-imputat, hekk kif jista' jigi rakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' **tlett (3) snin** u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja

Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Sabrina Grech, Bernard Frendo u Natalina Frendo ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qieghda torbot lill-imputat **Steve Frendo** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma jimmolestax, ma jdejjaqx u ma jingurjax lill-*parte civile* **Sabrina Grech, Bernard Frendo u Natalina Frendo.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew l-Ordni ta' Trattament, u/jew il-Garanzija Personali, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **tlett (3) snin** millum.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lill-Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**